# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

## Illum, 20 ta' Marzu 2024

Rikors Numru: 49/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2217/1998)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-12 ta' Dicembru 1998 fil-Knisja Parrokkjali Gudja (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal D u E, ahwa B li twieldu rispettivament fit-23 ta' Settembru 2000 u fil-21 Awwissu 2006. Illi ghalhekk E ser jaghlaq 18-il sena f'Awwissu tas-sena kurrenti;

3. Illi l-kontendenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Anne Marie Tonna fid-9 ta' Dicembru 2015 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B);

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-kontendenti iddekadew mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxien (vide Artikolu 4 tal-istess kuntratt);

5. Illi fir-rigward tat-tfal l-esponent jirrileva illi ai termini tal-Artikolu 5 (iii) tal-imsemmi kuntratt huwa dejjem hallas il-manteniment ghall-bzonnijiet ta' uliedu ossija fl-ammont mensili ta' €300 (€150 kull xahar ghal kull wild) permezz ta' "standing order" u arretrati m'hemmx;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il- kontendenti;

7. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;

8. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar 2024;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla, fuq domanda tal-qorti twieġeb li ma toġġezzjonax għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, b'dan li hija żżomm il-kunjom Sciberras;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Dicembru, 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.